# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

## MAĠISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

**Illum il-Ġimgħa, 13 ta' Mejju 2016**

**Ċitazzjoni Numru: 187/2000 PC**

**John Muscat u Pawlu Portelli**

**vs**

**Emmanuel Portelli**

Il-Qorti,

Rat iċ-Ċitazzjoni li permezz tagħha l-atturi, wara li ppremettew:

Illi huma l-pussessuri u l-attwali detenturi ta' għalqa imsejjħa "tax-Xini", fil-limiti tan-Nadur, Għawdex tal-kejl ta' ċirka tmienja u ħamsin metri kwadri ($58m^2$) $m^2$ metri kwadri *(sic)* jew kejl verjuri u i fihom hemm mibnija żewġt ikmamar u konfinanti mit-tramuntana ma' beni ta' John Muscat u Paul Portelli, nofsinhar u punent ma' beni f'idejn l-eredi ta' Rosaria Grech, kif murija fl-annessa pjanta u site plan, Dokument "A";

Illi riċentament u preċiżament fis-sitta u għoxrin (26) ta' Awwissu 2000, l-istess konvenut ikkommetta spoll vjolenti u klandestin fil-konfront tal-istess atturi u dana billi 'ad insaputa' tal-atturi u bil-ħsieb li jeżerċita xi dritt li huwa jippretendi li għandu fuq r-raba u kmamara "de quo", huwa qabad u daħal fihom u għalaq il-passaġġ li thaddi (*sic)* għalihom bil-wire u għalaq bieb li jinfed għal kumplament tar-raba fil-pussess tal-atturi bil-ġebel;

Illi l-aġir tal-konvenut jikkostitwixxi spoll vjolenti u klandestin għad-dannu tal-atturi.

Talbu lill-konvenut jgħid għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara illi l-aġir tal-konvenut jikkostitwixxi spoll privileġjat fil-konfront tal-istess atturi li għandhom kull dritt li jiġu reintegrati fil-pussess tar-raba hawn fuq imsemmija;

2. Tikkundanna għalhekk lill-istess konvenut sabiex fiż-żmien qasir u perentorju li jiġi lilhu prefiss jirerintegra lill-atturi fil-pussess pjen tad-drittijiet tagħhom billi jerġa' jpoġġi kollox kif kien qabel ma kkommetta l-istess spoll, u dan taħt id-diretzzjoni ta' perit nominandi;

3. U fin-nuqqas għaliex l-istess atturi m'għandhom jiġu awtorizzati li jagħmlu x-xogħolijiet neċessarji għas-spejjeż tal-istess konvenut sabiex huma jiġu b'hekk reintegrati fid-drittijiet tagħhom fuq l-istess raba u dana taħt id-direzzjoni ta' l-istess perit nominandi;

4. U f'każ li r-reintegrazzjoni ma tistax issir kompletament, għaliex l-istess konvenut m'għanhux jiġi kkundannat li jħallas lill-atturi somma ta' flus li tiġi likwidata minn dina l-Onorabbli Qorti tal-ħsarat li huma soffrew fl-istess raba u dana wkoll, okkorrendo, bin-nomina ta' perit għal istess fini.

Bl-ispejjeż inklużi l-VAT u l-ittra bonarja tat-tletin (30) ta' Awwissu 2000 u bl-inġunzjoni tal-istess konvenut għas-subizzjoni li għaliha minn issa huwa mħarrek.

Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti tal-atturi debitament maħlufa minn John Muscat.

Rat in-Nota ta' l-Eċċezzjonijiet tal-konvenut li eċċepixxa illi:

1. Illi t-talbiet tal-atturi huma nfondati fid-dritt u fil-fatt u dan stante illi l-elementi li jikkostitwixxu spoll ma jeżistux;

2. Illi l-ewwel nett il-konvenut ma għamel l-ebda xogħolijiet fis-sitta u għoxrin (26) ta' Awwissu 2000 jew fil-jiem u ġimgħat ta' wara;

3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost l-atturi qatt ma kellhom u m'għandhomx il-pussess tar-raba' u/jew tal-kmamarr illi fihom l-attur snin ilu għamel xi xogħolijiet;

4. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, ix-xogħol li twettaq mill-konvenut ma jikkostitwix spoll;

5. Salvi eċċezzjonijiet oħra fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti tal-istess konvenut maħlufa minnu.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-18 ta' Marzu 2016 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

Rat in-Noti tal-Osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda mismugħa u d-dokumenti esebiti.

Rat ukoll l-atti tal-kawża: "John Muscat et. vs Joseph Portelli," (Ċitaz. Nru.190/2000), allegati b'digriet tas-6 ta' Frar 2015.

Ikkunsidrat:

Illi din hija kawża ta' spoll. Dwar kawża ta' dan it-tip ġie mfisser illi:

*"In tema legali jinghad li l-'actio spolii' hija radikata pjuttost fuq l-ezigenzi ta' utilita' socjali milli fuq il-principju assolut tal-gustizzja, u hija eminentement intiza sabiex tkun estiza l-protezzjoni lil kwalunkwe pussess, u jigi mpedut li cittadin privat jiehu l-gustizzja f'idejh; b'mod li l-fini taghha huwa dak illi jigi restawrat l-istat tal-pussess li jkun gie skonvolt jew turbat;*

*L-art.572 (illum 535) tal-Kodici Civili, li jikkontempla din l-azzjoni,huwa ndubbjament ta' ordni publiku, u huwa inerenti ghall-fatt ta' min b'awtorita' privata jaghmel ghad-dannu ta' terza persuna att li, ghalkemm jista' jkollu dritt ghalieh, ma jkunx jista' jezercitah minghajr l-intervent tal-Qrati (ara Kassazzjoni Torin 1 ta' Awissu 1879 in re Borboglio vs. Fischt, Volum XIII, P.1, pag.555 tal-Annali tal-Gurisprudenza). Ma' dan l-artikolu fuq imsemmi tal-ligi citata, ma ghandux jigi minsi l-art.794 (illum 791) tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili,li jahseb u jghid li kontra l-azzjoni ta' spoll ma humiex ammissibbli hlief eccezzjonijiet dilatorji – dak li huwa konfermat mill-gurisprudenza lokali u estera (ara Vol.XXXI.I.296 Appell 8 ta' Marzu 1943,in re "Francesco Mifsud vs Michele Cassar";Vol.XXI.II.83 P'Awla Civili,20 ta' April 1916,in re 'Michelina Falzon vs Giuseppe Bonello et.' konfemata fl-Appell fis-26 ta' Marzu 1917;Kassazzjoni Palermo 27 ta' Ottubru 1899,in re Decarcano vs.Cafici,Foro Catanese Vol.1889,pagna 124;u dan biex inghataw xi sentenzi);….."*.[1]

Illi, għalhekk, kif ġie ripetutament imfisser mill-qrati tagħna, jenħtieġu tliet elementi sabiex tirnexxi kawża bħal din:

(i) li l-attur kellu l-pussess ta' kwalunkwe xorta jew detenzjoni tal-ħaġa spoljata (*possedisse*);

[1] Margħerita Fenech v. Pawla Zammit:Prim'Awla:12.4.1958 vol.XLII..II.975

(ii) li ġie disturbat f'dan il-pussess (*spoliatum fuisse*); u

(iii) li għamel il-kawża fi żmien xahrejn mill-allegat spoll (*infra bimestre deduxisse*).

*"Jekk imqar xi wiehed minn dawn ir-rekwiziti essenzjali ma jigix ppruvat,l-azzjoni taqa' minghajr ma jkun hemm bzonn li jigi ndagat jekk jirrikorrux anki r-rekwiziti l-ohra."*[2]

Dwar din l-azzjoni il-**Mattirolo** jispjega illi:

*"La reintegrazione del possesso a favore di chi ne fu spogliato e' una misura di ordine pubblico,e' un provvedimento diretto a conservare la pace pubblica. L'articolo 695 del Cocice Civile applica,in tutto il suo rigore,la regola* ***"spoliatus ante omnia restituendus"****.Il perche' l'azione di reintegrazione,compiuto lo spoglio,compete a qualunque possessore,astrazione fatta dal carattere del suo possesso,sia pur questo anche solo precario,o di origine illegittima,purche' pero' abbia il carattere esteriore dell'esercizio di un preteso diritto."*[3]

Għalhekk sabiex il-Qorti tkun tista' tilqa' t-talbiet attrici, jrid jigi stabilit jekk jezistux dawn it-tliet elementi fil-kaz in ezami. Mill-provi mressqa rrizulta illi l-atturi qed jilmentaw għax il-konvenut għalaq bil-*wire* u bieba tal-injam passagg li minnu jgħidu li jagħddu biex jidhlu f'zewgt ikmamar li għandhom fl-inhawi deskritti fic-citazzjoni. Barra minn hekk jallegaw ukoll li l-konvenut inbarra bil-gebal bieb li mill-istess kmamar jikkonduci għal parti mill-art tagħhom wara dawn il-kmamar. Dawn il-fatti ma gewx kontestati mill-konvenut, anzi l-istess konvenut jammetti li kien hu li għamel dan. Il-konvenut pero' jikkontesta l-pretensjoni tal-atturi illi huma kellhom il-pussess jew detenzjoni kif trid il-ligi fi hwejjeg simili sabiex ikun jista' jingħad illi huma gew disturbati f'dan il-pussess u għalhekk intitolati għar-reintegrazzjoni.

IL-PUSSESS:

Dwar l-ewwel element, indikat hawn fuq, li huwa meħtieġ sabiex tirnexxi kawża ta' spoll ingħad:

*"Illi l-ewwel rekwizit, kwindi, sabiex l-azzjoni tar-rintegrazzjoni tista' tigi milqugha bil-favur, huwa li l-instanti jkollu l-pussess ta' kwalunkwe xorta jew detenzjoni tal-haga li fuqha jkun pretiz li sar l-ispoll. L-espressjoni wzata mill-ligi –"****possession of whatever kind****" – dak li jinteressana f'dal-kaz – tikkomprendi tant il-pussess civili kemm dak semplicement naturali, u anki dak vizzjuz; imma pero' tezigi dejjem f'dak li jippromwovi din l-azzjoni xi pussess;l-*

[2] Joseph Tabone v. Joseph Flavia sive de Flavia;Appell Civ.7.3.1958 – vol.XLII.I.86
[3] Trattato di Dirito Giudiziario Civile Italiano Vol.I. 5ta.ed.1902 Torino,para.271

*ghaliex, jekk l-attur f'kawza bhal din li fuqha qeghdin nitkellmu ma jkunx ippossjeda l-haga,l-azzjoni hija destinata li ma tirnexxix."*[4]

Huwa ferm pertinenti x'jgħid l-awtur taljan ġia ċitat f'dan ir-rigward:

*"Giusta la definizione, che l'articolo 685 ne da' del possesso, questo puo' cadere tanto sulle cose corporali,quanto sulle incorporali…; nel primo caso,esso si presenta sotto la forma della detenzione di una cosa; nel secondo,sotto l'aspetto del godimento di un diritto che si esercita. Ma in entrambi i casi, a costituire il possesso sono necessari due elementi: il corpo e l'animo; cioe' il fatto esteriore della detenzione della cosa o dell'esercizio del diritto;l'animo,ossia la volonta' del possessore di possedere per se'.*

*Questa volonta', quest'animo, secondo la nozione odierna del possesso, occorre in diversi modi, secondo che si tratti – del possesso legittimo, tutelato dall'azione di manutenzione – o del possesso semplice, garantito soltanto con l'azione di reintegrazione - : pel primo e' necessario l'animus domini, val quanto dire la volonta' di ritenere la cosa come propria, di esercitare il diritto come proprio: pel secondo, basta l'animo nel possessore di tenere la cosa o l'esercizio del diritto per se',independentemente da ogni pretesa sulla proprieta' della cosa, sulla spettanza del diritto che di fatto si esercita."*[5]

Ġara illi permezz ta' kuntratt tad-29 ta' Mejju 2000 l-atturi akkwistaw mingħand Marija Muscat u Carmel Portelli, li jiġu rispettivament omm l-attur Muscat u missier l-attur l-ieħor, "*porzjon art imsejjha "tax-Xini" fil-kuntrada 'tad-Duru', fi Triq tad-Duru, Nadur, Ghawdex, tal-kejl l-intier ta' cirka erba' mija tmienja u disghin punt decimali hamsa disa metri kwadi (498.95m.k.), bil-benefikati kollha ta' fuqha, liema benefikati huma bla isem u bin-numru hamsin (50) u xi bibien ohra bla numru, liema fond hu accessibbli minn entrata komuni…"*[6] Inkluża f'dan l-akkwist jidher li hemm ukoll dak li l-atturi jsejħu passaġġ li jagħti għal kamra mġarrfa bla saqaf fil-ġenb ta' dan il-passaġġ u maqjel fit-tarf tal-istess passaġġ.[7]

L-atturi jallegaw li preċiżament fis-26 ta' Awwissu 2000 il- konvenut għalqilhom l-aċċess li kellhom minn dan il-passaġġ għall-proprjeta' tagħhom billi waħħal '*chicken wire*' u bieba tal-injam minn naħa għall-oħra tal-passaġġ,[8] u mblokka bieb li minn dan il-maqjel jikkonduċi għall-bqija tal-proprjeta' tagħhom. Kif ġia ngħad il-konvenut ma jiċħadx li għamel dawn ix-xogħolijiet. Anzi jispjega li fir-rigward taċ-*chicken wire* u l-bieba ta' fejnu, dan kien sar wara li xi ħadd kien ħatt hajt baxx li kien jifred dik

[4] Fenech vs Zammit gia citata
[5] op. cit. Footnote pag.255-256
[6] Ara kopja ta' dan il-kuntratt li sar in atti Nutar Dr. Silvio Hili, esebit bhala Dok.CB 2 a fol.137 -139, u pjanta annessa bhala Dok.D a fol.140, fl-atti tal-kawza citaz. Nru.190/2000
[7] Ara pjanta redatta fl-1989 mill-AIC Carmelo Borg a fol.66 tal-process, u ritratti a fol.417 - 420
[8] Ara ritratt Dok.MJ 5 a fol.419

li jsejjaħ 'bitħa' fejn kien iżomm l-annimali tiegħu, mill-bqija tal-passaġġ. Dan kien ġara fis-sena 1997, wara li kienu ħarbulu l-annimali tiegħu minn hemmhekk, u sar bħala soluzzjoni proviżorja sakemm reġa' bena l-ħajt. Dwar il-bieba mblukkata fil-maqjel jgħid li dan kien ilu li sar minn żmien missieru, biex jifred il-parti mill-bini li kellu f'idejh minn dak ippossedut mill-ġenituri tal-atturi. Kull ma għamel hu kien li għalaq b'*pellet* tal-injam parti li kienet tħalliet bħala tieqa, biex ma jaħarbulux l-annimali li kienu ġewwa l-maqjel. [9]

L-atturi ressqu lil **Marija Muscat** (omm l-attur Muscat) u lil **Carmelo Portelli** (missier l-attur l-ieħor) bħala prova tal-pussess tagħhom ta' dawn l-ambjenti fejn sar l-allegat spoll. Dawn qalu li l-post kien f'idejn missierhom Ġużepp Portelli u dan sa għoxrin (20) sena qabel. Wara sew hi kif ukoll ħuha kienu jżommu l-annimali hemmhekk. Carmelo Portelli qal li sa tnax il-sena qabel kellu l-ħnieżer hemm ġew.[10]

**L-attur Pawlu Portelli** ma kienx midħla tal-post qabel ma sar l-akkwist, imma l-attur l-ieħor kellu ħanut tax-xorb fil-kmamar aċċessibbli direttament mit-triq, u jgħid li kien iżomm il-ħuxlief fil-maqjel in kwistjoni.[11]

**Il-konvenut**, da parti tiegħu, insista li missieru Frenċu, li kien jiġi ħu Ġużepp Portelli, kellu f'idejh il-maqjel u l-kamra mġarrfa li llum jinsabu fil-pussess tiegħu. Dawn kienu ġew f'idejhom bħala sehemhom mill-ambjenti "tax-Xini" f'dak l-inħawi. Il-ġenituri tal-atturi kellhom il-partijiet l-oħra mill-istess ambjenti, u ċioe' fejn kien hemm il-ħanut, *garage* żgħir u xi għorfa fuqhom. Il-post kollu xi darba kien f'idejn antenat komuni tal-kontendenti u kienu jħallsu ċens fuqu. Sew missieru, kif ukoll hu warjah, kienu jżommu l-annimali bħal nagħaġ, mogħoż u għoġiela f'dan il-maqjel u l-kamra mġarrfa. Dejjem kien hemm ħajt jifred bitħa mill-passaġġ li tidħol għalih minn fejn plier tal-gvern fil-ġenb ta' Triq Duru, u dan biex ma jaħarbux l-annimali tagħhom. Qatt ħadd ma kellimhom dwar dan il-ħajt qabel ma tfaċċaw l-atturi jippretendu li għandom minn dawn il-kmamar.[12]

Iben il-konvenut, **Joseph Portelli**, kien imur ma' missieru jagħlef l-annimali li kellu f'dawn il-kmamar minn meta kien żgħir. Qatt qabel is-sena 2000 ma ra lill-atturi jidħlu 'l ġewwa mill-plier. Dawn kienu jaċċedu għall-ambjenti tagħhom direttament mit-triq.[13]

---

[9] Ibid., u xhieda tal-konvenut in kontro-ezami a fol.602 - 625
[10] Ara xhieda tagħhom a fol. 33 – 44, u fol. 45 -55 rispettivament
[11] A fol.73 - 83
[12] Ara affidavit tal-attur a fol. 308 – 309
[13] Ara affidavit fol.267

Bint il-konvenut, **Mary Josephine Grima,** ikkorroborat lil ħuha. Tiftakar li meta kienet żgħira missierha kien iżomm l-annimali ġo l-maqjel li kellu bieba titla u tinżel biex l-annimali li kien iżomm hemm ġew ikunu jistgħu jidħlu u joħorġu liberament minn hemm għall-bitħa. Tgħid ukoll li fin-naħa l-oħra tal-maqjel kien hemm tieqa nbarrata bl-injam.[14]

Tressqu wkoll xi xhieda mhux involuti direttament mal-partijiet. Dawn kienu:

**Pawlu Portelli**, bin Salvu, li kien jiġi sew ħu Ġużepp (nannu tal-atturi), kif ukoll ħu Frenċu (missier il-konvenut), huwa midħla tal-inħawi, għalkemm m'għandhux għalfejn jidħol 'l ġewwa mill-plier. Jaf li l-konvenut f'xi żmien kien qed iżomm bodbod ġo l-maqjel li tidhol għalih mill-passaġġ in kwistjoni. Hemm ġew dejjem lill-konvenut kien jara. Jiftaker lill-missier l-attur Pawlu Portelli jrabbi l-ħnieżer fl-ambjenti li tidħol għalihom direttament mit-triq u mhux minn wara l-plier.[15]

Ħuh **Joseph Portelli** għandu f'idejh raba' li jiġi wara l-ambjenti tal-kontendenti. Fil-kmamar li tidħol għalihom mill-passaġġ ta' wara l-plier dejjem kien jara lill-konvenut, u dan sew qabel siefer fl-1967, kif ukoll wara li ġie lura fl-1980. Jiftakar li hemm kien iżomm l-għoġiela, mogħoż u nagħaġ, u li kien hemm bieba titla u tinżel fl-entratura għall-maqjel fejn kien iżomm dawn l-annimali.[16]

Oħtu **Carmen Vella,** kienet tiffrekwenta l-inħawi billib żewġha kellu r-raba 'l ġewwa mill-plier. Tiktakar lill-missier il-konvenut iżomm l-annimali ġo l-maqjel. Missierha kien jibagħtha hemmhekk bl-inbid għall-Frenċu Portelli. Warajh taf lill-konvenut irabbu l-annimali fl-istess post. La l-atturi u lanqas lil ġenituri tagħhom qatt ma rathom hemm ġew. Dawn kienu jidħlu għall-ambjenti tagħhom direttament mit-triq.[17]

**Saviour Vella** iben Carmen Vella kkorroborha lill-ommu fis-sens li kien jara lill-konvenut jieħu ħsieb l-annimali li kellu fil-maqjel, meta kien jidħol għar-raba tal-familja fl-inħawi.[18]

**Pawlu Zerafa** madwar tletin sena qabel xehed (fl-2002) kien ingħata permess mill-konvenut biex iżomm għal xi tliet xhur fil-maqjel żiemel li kien xtara.[19]

[14] Ara affidavit a fol.310
[15] Ara xhieda tiegħu a fol. 23 – 31, u kontro-ezami a fol. 672 - 681
[16] Ara affidavit tiegħu a fol. 276
[17] Ara affidavit tagħha a fol.138

[18] Ara affidavit tiegħu a fol.137
[19] Ara xhieda tiegħu a fol.122 -128

Bil-kemm hemm għalfejn jingħad li l-kuntratt ta' akkwist da parti tal-atturi ftit xhur qabel ma ġiet istitwita il-proċedura presenti, ma jista' jkun ta' ebda għajnuna sabiex jiġi stabilit il-pussess materjali meħtieġ għall-fini ta' din il-kawża. Anzi, id-deposizzjoni ta' **Vincent Gilson** mid-Dipartiment tal-Artijiet tindika li l-okkupanti tal-artijiet fl-inħawi "tax-Xini" n-Nadur, (preċiżament *tenement* numru 163) qegħdin hemm b'mera tolleranza tal-Gvern wara li ċ-ċens li kien hemm fuqu skada.[20] Għalkemm ix-xhieda prodotti mill-atturi tennew li żmien qabel huma u missierhom kienu jżommu l-annimali f'dawk l-ambjenti, u l-attur John Muscat kien anke jiġġestixxi ħanut tax-xorb fil-kmamar li jagħtu direttament għat-triq, kollox jindika li huma kellhom biss il-pussess ta' dawn l-ambjenti u mhux ukoll tal-maqjel u l-kamra mwaqqa' li tidħol għalihom mill-passaġġ ta' wara l-plier tal-Gvern fil-ġenb ta' Triq Duru. Dawn rajna li kienu f'idejn il-konvenut li kien irabbi l-annimali fihom, u għalhekk ma sar l-ebda spoll meta ġie mbarrat il-bieb li kien jagħti mill-maqjel għall-bqija tal-ambjenti ppussessati mill-atturi. Għaldaqstant lanqas seta' kellhom il-pussess tal-passaġġ li fuqu sar l-allegat spoll l-ieħor.

F'tali ċirkostanzi u billi rriżulta li jonqos tal-inqas wieħed mill-elementi meħtieġa biex tkun tista' tirnexxi kawża bħal din, u ċioe' dak tal-pussess, it-talbiet tal-atturi ma jistgħux jirnexxu.

Għal dawn il-motivi tiddeċidi l-kawża billi, filwaqt illi tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, tiċħad it-talbiet attriċi bl-ispejjeż kontra l-atturi.

(ft) Paul Coppini
Maġistrat

(ft) Silvio Xerri
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur

13.05.2016 – Ċitz187.2000 – Muscat John et vs Portelli Emmanuel
2487

[20] Ara xhieda tiegħu a fol. 359 – 362,